MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 529/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Mark Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar is-26 ta' Novembru 2010, ghall-habta tas-07.30 hrs gewwa r-residenza numru 58, Dar il-Gawhra, Triq San Trofimu, Rabat, Malta, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta' natura gravi fil-gisem jew fis-sahha ta' missieru Joseph Spiteri ta' 63 sena, liema hsara tista' iggib debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh, u dan skont ma ccertifikat Dr. Christina Zerafa MD (Reg. No. 5357) mill-Isptar Mater Dei, Msida u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 216, 222 u 222A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghal ommu Giovanna Spiteri ta' 60 sena u kkaguna griehi ta' natura hafifa hekk kif certifikat minn Dr Bassam Shamala MD (Med. Reg. No. 1661) mill-Isptar Mater Dei, Msida u dan u bi ksur tal-Artikolu 22(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor jibza' li ser tintuza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 221(1) u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

4. U aktar talli fl-istess data ghall-habta ta' 22:45 hrs gewwa dawn il-gzejjer ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ma hallewx jew fixklu waqt li kienu jaghmlu ddmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahhlu fl-istess dmirijiet billi ma hallewx lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassru jew gabu fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija kienu ghamlu u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Novembru, 2010 fejn il-Qorti, Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 214, 216, 222, 222A,
221(1), 251B u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u stante l-ammissjoni ta' l-imputat sabet lill-istess hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah seba' (7) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' tmintax-il (18) xahar b'dan illi ghandha titqabbad persuna mid-Dipartiment tal-Probation Services li ghandha tizgrua illi l-imputat jattendi ghal sessjonijiet ta' *anger management.* Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Ordni ta' Supervizjoni tigi annessa mal-odjerna sentenza u tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fid-9 ta’ Dicembru, 2010 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi:

a. Tikkonfermaha f’ dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati tal-akkuzi migjuba kontrih u
b. Tirrevokaha u thassarha f’dik il-parti fejn ikkundannat lil Mark Spiteri ghal-sentneza ta’ seba xhur prigunerija sospizi ghal perjodu ta’ tmintax il-xahar;
c. Minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Qorti tal-Magistrati erogat piena ta’ seba` xhur prigunerija sospizi ghal perjodu ta’ tmintax il-xahar, liema piena qed jigi umilment sottomess li ma kienetx fix-xorta u fil-kwantita` taghha dik ikkontemplata fil-ligi ghar-reati ammessi mill-appellat u dan meta wiehed iqis l-artikoli citati minn dik l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha fir-rigward tas-sejbien tal-htija tal-imputat. Illi wiehed jara li l-imputat appellat gie misjub hati taht l-artikoli 214, 216, 222, 222A, 221(1), 251B u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issa gialadarba l-imputat appellat ammetta l-offiza ta’ natura gravi fuq missieru, li huwa persuna li ghandu l-fuq minn sittin sena, il-minimu tal-piena erogabbli ghal dan ir-reat biss, meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni tal-Artikoli 216, 222 u 222A kellha tkun dik ta’ seba` xhur (jew disa` xhur), u dan ghaliex ghalkemm il-ligi taghmilha tassattiva li l-piena tigi mizjuda thalliha fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tapplika zieda bi grad sa tnejn, ghar-reat kontemplat fl-artikolu 222A.

Illi in oltre, l-appellat kien ukoll akkzuat bir-reat ta’ offiza hafifa fuq ommu stess skond l-artikolu 221 u bir-reat koncernanti l-biza li tintuza vjolenza kontra l-persuna

skond l-Artikolu 251B. Illi ghaldaqstant, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17 tal-Kap 9, koncernanti l-konkors ta’ reat u piena, il-piena erogabbli kellha tkun dik stabbilita ghad-delitt l-aktar gravi, li f’dan il-kaz, hija l-piena ghall-offiza gravi menzjonata fil-paragrafu ta’ qabel dan, biz-zieda minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni ghad-delitti l-ohra mehudin flimkien. Illi ghaldaqstant, il-minimu tal-piena erogabbli ghar-reati kollha li ngabu kontra l-appellat kienet dik ta’ tmien xhur, (jew ta’ ghaxar xhur), skond jekk il-Qorti tkunx applikat grad jew tnejn fir-rigward tal-offiza gravi, kif spjegat fil-paragrafu ta’ qabel dan.

Illi inoltre, jigi rilevat wkoll, illi fl-umli fehma tal-esponenti, fic-cirkostanzi tal-kaz, fejn si tratt ta’ offizi fuq il-propji genituri, fejn il-vjolenza ezercitata thalli konsegwenzi mhux biss fizici izda wkoll psikologici, nonche il-fatt li f’kazijiet ta’ din in-natura l-ghoti ta’ sentenza ta’ prigunerija sospiza ghal terminu ta’ zmien mhix il-piena indikata, u dan apparti l-fatt li tali piena m’ghandiex tkun fil-minimu taghha.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi fis-26 ta’ Novembru 2010 omm Mark Spiteri marret l-ghassa tar-Rabat fejn irrapurtat lit-tifel taghha kien hebb ghaliha u ghar-ragel taghha dak inhar stess waqt li kienu fir-residenza taghhom.

L-istess verzjoni tal-fatti kienet ikkonfermata minn missier l-appellat Joseph Spiteri.

Mic-certifikati medici irrizulta li dan ta’ l-ahhar sofra griehi ta’ natura gravi waqt illi omm l-appellat Giovanna sofriet griehi ta’ natura hafifa.

L-aggravju ta’ l-Avukat Generali kien fis-sens illi s-sentenza tal-Magistrati erogat piena li ma kienitx fix-xorta u fil-kwalita` taghha dik kontemplata fil-ligi ghar-reati illi gew ammessi mill-istess appellat.

L-Ewwel Qorti erogat piena ta’ seba` xhur prigunerija sospizi ghal perjodu ta’ tmintax il-xahar, b’dana illi l-Qorti

ddikjarat illi ghandha titqabbad persuna mid-Dipartiment tal-Probation Services li ghandha tisgura li l-imputat jattendi ghal sezzjonijiet ta’ « anger management ».

L-Avukat Generali argumenta illi l-minimu tal-piena erogabbli ghar-reat ta’ natura gravi li ssubixxa missier l-appellat kien ta’ seba` xhur, pero` l-appellat ma kienx akkuzat biss b’dan ir-reat izda ukoll b’dak ta’ offiza hafifa fuq ommu skond l-artikolu 221 tal-Kodici Kriminali, bl-aggravju tal-artikolu 251(b).

Hawnhekk meta l-Qorti zzid dan ir-reat ma dak ta’ natura gravi, bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 tal-Kap. 9 issib li l-minimu tal-piena erogabbli ghar-reati li ngabu kontra l-appellat kienet dik ta’ tmin xhur jew ghaxar xhur skond jekk il-Qorti tapplikax grad jew tnejn ghar-rigward tal-offiza gravi.

Fir-risposta tieghu l-appellat mhuwiex tant jikkontrasta l-agrument tal-Avukat Generali biss gibed l-attenzjoni tal-Qorti illi fl-appell tieghu l-Avukat Generali ma kienx qed jitlob ghall-piena ta’ habs effettiv.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti ssib illi l-Avukat Generali ghandu ragun meta tqis iz-zewg akkuzi li kienu migjuba kontra l-appellat illi taghhom instab hati fuq ammissjoni tieghu stess, u ssib illi bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 tal-Kap. 9 koncernanti l-konkors tar-reati u piena,  l-piena erogabbli kellha tkun dik stabbilita ghad-delitt l-aktar gravi li f’dak il-kaz hija l-piena ghall-offiza gravi msemmija fl-artikolu 216 biz-zieda minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni ghad-delitti l-ohra mehudin flimkien.

Kif tajjeb ikkalkola l-Avukat Generali ghalhekk il-minimu kellu jkun tmin jew ghaxar xhur skond l-applikazzjoni tal-gradi ghad-deskrizzjoni tal-Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` u tiddeciedi illi tilqa` l-appell tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tirriforma

dik il-parti fejn ikkundannat lil Mark Spiteri ghal sentenza ta' seba` xhur prigunerija sospizi ghal perjodu ta' tmintax il-xahar u minflok tikkundanna lill-appellat ghal ghaxar xhur prigunerija sospizi ghal perjodu ta' sentejn, bl-istess kawtela tal-Ewwel Qorti u cioe` illi ghandha titqabbad persuna mid-Dipartiment tal-Probation Services illi ghandha tassigura li l-imputat jattendi ghal sezzjonijiet ta' « anger management ».

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------